**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**Vs**

**Mircea-Remus Rostas**
**George-Bodan Cristiean**

**Illum 26 ta' Diċembru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi miġjuba fil-konfront ta' **Mircea-Remus Rostas** ta' erbgħa u erbgħin (44) sena, iben Radu u Stella neè Notar, imwieled Hunedoara fir-Rumanija nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 1974, residenti fil-fond 21, Flat 11, Triq il-Wilġa, San Ġiljan, u detentur tal-Karta ta' l-Identità Maltija bin-Numru 0063694(A) u ta' **George-Bogdan Cristiean**, ta' disgħa u għoxrin (29) sena, iben Kostel u Anisoara neè Fotescu, imwieled ġewwa Galati fir-Rumanija nhar is-sbatax (17) ta' April 1989, residenti Hamlet Hotel, Nru. 15, Triq il-Wilġa, San Ġiljan, u detentur tal-Karta ta' l-Identità Rumena bin-Numru 1890417170079 ,talli nhar il-21 ta' Diċembru 2018, għall-ħabta tal-ħamsa u tnejn u għoxrin minuta ta' wara nofs in-nhar (17:22hrs) ġewwa dawn il-gżejjer:-

1. Ikkommettew serq għad-dannu tal-istabbiliment Bortex ġewwa Triq Santu Wistin, San Ġiljan, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin u dan bi ksur tal-Artikoli 261 (b) (ċ) (f), 265, 267, 270, 278 (1) (2) (3), 279 (a), 280 (1) (2), 281 (a) u 284 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Xjentament laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u dan bi ksur tal-Artiklu 334 (a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U talli **Mircea-Remus Rostas** waħdu fil-25 ta' Diċembru 2018 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer:-

1. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artiklu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat illi ż-żewġ imputati ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja u t-tnejn li huma wieġbu li huma ħatja ta' l-akkużi rispettivament dedotti fil-konfront tagħhom;

Rat li entrambe l-imputati kkonfermaw l-ammissjoni tagħhom wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkonċedietilhom żmien biżżejjed biex jirrikonsidraw it-tweġiba tagħhom u jerġgħu lura minnha;

Semgħat lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi t-tieni akkuża miġjuba fil-konfront taż-żewġ imputati flimkien hija alternattiva għall-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tagħhom flimkien;

Semgħat it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati **Mircea-Remus Rostas** u **George-Bogdan Cristiean flimkien** qed jiġu akkużati li nhar il-21 ta' Diċembru 2018, għall-ħabta tal-ħamsa u tnejn u għoxrin minuta ta' wara nofs in-nhar (17:22hrs) ġewwa dawn il-gżejjer:- (a) ikkommettew serq għad-dannu tal-istabbiliment Bortex ġewwa Triq Santu Wistin, San Ġiljan, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin u dan bi ksur tal-Artikoli 261 (b) (ċ) (f), 265, 267, 270, 278 (1) (2) (3), 279 (a), 280 (1) (2), 281 (a) u 284 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) xjentament laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u dan bi ksur tal-Artiklu 334 (a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-imputat **Mircea-Remus Rostas** waħdu qed jiġi akkużat li fil-25 ta' Diċembru 2018 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer:- (a) kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artiklu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull wieħed mill-imputati, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ħati ta' l-akkużi rispettivament dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni u fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li t-tieni akkuża miġjuba fil-konfront taż-żewġ imputati flimkien hija alternattiva għall-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tagħhom flimkien, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni akkuża miġjuba fil-konfront ta' l-imputati flimkien, issib lill-imsemmija żewġ imputati ħajta ta' l-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tagħhom flimkien **u** ssib lill-imputat Mircea-Remus Rostas waħdu ħati ta' l-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu waħdu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li kull wieħed miż-żewġ imputati: (a) ikkoopera bis-sħiħ mal-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet tagħhom; (b) lest li jirritorna l-valur ta' l-oġġetti misruqa; u (c) irreġistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 261 (b) (ċ) (f), 263(a), 265, 267, 270, 278 (1) (2) (3), 279 (a), 280 (1) (2), 281 (a) u 284 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni akkuża miġjuba fil-konfront taż-żewġ imputati flimkien, issibhom ħatja ta' l-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tagħhom flimkien u tikkundanna lil kull wieħed miż-żewġ imputati għal sentejn (2) priġunerija, iżda peress illi fil-fehma tal-Qorti iċ-ċirkostanzi, b'mod partikolari l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati u l-fatt li lesti jħallsu l-valur ta' l-oġġetti misruqa, huma tali li jagħtu lok li biex it-terminu ta' priġunerija jiġi hawn impost jiġi sospiż, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost għall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza. Inoltre, a tenur ta' l-Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputati flimkien u in solidum bejniethom biex ihallsu lid-ditta Bortex l-ammont ta' elf mitejn u tnejn u sittin Euro (€1,262), rappreżentati l-valur ta' l-oġġetti misruqa, u dan fi żmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat liż-żewġ imputati bi kliem ċar ir-responsabilità tagħhom taħt l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommettu matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ġġalih hemm piena ta' priġunerija.

In oltre a tenur ta' l-Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat liż-żewġ imputati bi kliem car ir-responsabilità tagħhom f'kaz li jonqsu milli jħallsu s-somma ta' €1,262 entro t-terminu ta' erba' (4) xhur hawn prefiss.

Il-Qorti qed issib lil **Mircea-Remus Rostas** waħdu ħati ta' l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ammontanti għal erba' mija ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87), liema multa għandha titħallas minnu permezz ta' pagamenti rateali ammontanti għal tlettax-il Euro (€13) kull xahar sal-ħlas effettiv ta' l-ammont kollu ta' €465.87.

Il-Qorti spjegat lil Mircea-Remus Rostas ir-responsabilità tiegħu f'kaz illi huwa ma jħallasx il-multa hawn imposta fuqu fl-intier tagħha.

Peress illi ma ġiet elevata l-ebda droga mill-pussess ta' l-imputat Mircea-Remus Rostas, il-Qorti mhux qed tordna l-ebda konfiska a favur il-Gvern u distruzzjoni relattiva.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**